MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 18/2025-9**

**It-Tlieta, 26 t'Awwissu 2025**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Baskal Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Dr Marlene Cini – Kunsilliera
Is-Sur Mario Portelli - Kunsillier
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier

**PREŻENTI b'mod virtwali:**

N/A

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

N/A

**ASSENTI:**

N/A

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Baskal Saliba.

### 18.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

18.1.1 Kulħadd kien preżenti għal din il-laqgħa.

### 18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

18.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 17/2025-9 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

18.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

18.2.3 Ma kinx hemm korrezzjonijiet għalhekk Minuti nru. 17/2025-9 ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

### 18.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

18.3.1 Is-Sindku beda billi qal li hu dejjem kien involut fl-organizazzjoni tal-Festa iżda din is-sena ġiet organizzata festa sabiħa u kompluta. Kompla jgħid li din is-sena l-festa kienet waħda ta' Għaqda kbira. Qal li jinsab kburi li f'din il-festa rrenjat l-għaqda u kulħadd ta sehmu. Qal li anke fil-laqgħat tal-Festa kien hemm sinerġija. Kompla jgħid li bħal dejjem, il-Kunsill jikkolobora u joħroġ ukoll barra minn triqtu. Irringrazzja lil Arċipriet, il-paroċċa, l-għaqdiet volontarji, r-residenti u dawk kolla li jħobbu lil Assunta kif ukoll l-isponsors. Wassal ir-ringrazzjamenti tiegħu wkoll lis-Supretendent tal-Pulizija, s-Surġent Joseph u lit-tim kollu tiegħu. Irringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u lil staff tal-Kunsill li għamlu ħafna xogħol minn wara l-kwinti kif ukoll lil membri tal-Kunsill kollha. sostna li bħala residenti għandna nkunu kburin u nkomplu l-ħidma sabiex tibqa' tikber il-festa.

18.3.2 Is-Sindku propona u l-membri qablu sabiex issir data tentattiva dik tal-15 ta' Settembru 2025 sabiex jiġu nawgurati l-East End Playing Field fondi tal-LESA u l-Picnic Area fil-Qbajjar Promenade skema tad-DLG. Kompla jgħid li l-Kunsill għadu qed jistenna konferma għal inawgurazzjoni kemm minn naħħa tal-LESA kif ukoll minn naħħa tad-DLG.

18.3.2 Is-Sindku propona u l-membri qablu li l-Kunsill għandu jagħmel patt ta' ħbiberija mal-Kunsill ta' Ħaż-Żebbuġ. Kompla jgħid illi xi residenti minn Ħaż-Żebbuġ ser iżuru r-raħal tagħna flimkien mal-Kunsill nhar l-4 ta' Settembru 2025. Kompla

jgħid li ser tiġi organizzata quddiesa u wara ser issir ikla f'Marsalforn. Qablu wkoll li għandha tinxtara token bħala tifkira.

18.3.3 Is-Sindku nforma lil membri li t-truck tal-Kunsill qed jittanta u ma jistax isuqu kulħadd peress li jrid ikollok liċenzja speċjali. Propona sabiex jinxtara truck li jintuża għal bulky u li jkun jista' jsuqu kulħadd. Il-membri qablu li dan għandu jinxtara imbasta ma tinqabiżx is-somma ta' €5,900 VAT inkluża u jekk jista' jkun jinġabu fondi għalih. Il-membri qablu.

18.3.4 Is-Sindku propona u l-membri qablu sabiex jiżdiedu d-double yellow lines li hemm faċċata tal-Kunsill sabiex ma jkunx hemm konġestjoni tat-traffiku.

## 18.4 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

18.4.1 *Komunikazzjoni mill-Viċi Sindku, Daniel Cordina*

18.4.1.1 Beda billi rringrazzja lil Kunsill tal-parteċipazzjoni tiegħu fil-ġimgħa tal-Festa. Irringrazza fost l-oħrajn lis-Sindku flimkien ma-Segretarju Eżekuttiv għax-xogħol li sar sabiex jiżguraw l-organizazzjoni minn naħħa tal-Kunsill. Irringrazzja lil ħaddiema ta' l-indafa u lil Public Cleansing Dept. Irringrazzja wkoll lil membri tal-Kunsill għax fejn kien hemm bżonn taw is-sehem tagħhom. Ringrazzjamenti marru wkoll għal Ministru Clint Camilleri u l-Ministru Anton Refalo għas-sostenn tagħhom. Ringrazzjamenti speċjali marru wkoll għal Arċipriet, Dun Gwann Sultana tax-xogħol siewi tiegħu li kien il-gwida ta' din il-festa u b'hekk saltnet l-għaqda. Irringrazzja wkoll lis-Supt tal-Pulizija, s-Surġent Joseph Attard u l-membri tal-Korp. Irringrazzja lil LESA, Transport Malta minħabba l-koordinazzjoni tat-traffiku. Grazzi speċjali marret ukoll għal Kumitat tal-festa flimkien ma' l-Għaqdiet tagħna, Banda, Armar, Nar, Football li lkoll flimkien maqgħudin taw dak kollu possibbli sabiex flimkien irnexxilhom ikabbru l-festa f'armonija u għaqda. Irringrazzja lil Kor Santa Marija u Regina Angelorum, l-orkestra u l-voluntiera ġewwa l-Knisja tagħna fejn bħala kommunita' stajna ingawdu l-ġmiel ta' sbuħija tal-opri u armar tal-Knisja tagħna. Irringrazzja wkoll lil Kumitat taż-Żgħażagħ, l-voluntiera mill-kbar saż-żgħar li ħadmu ma kull għaqda. Irringrazzja lil organizzaturi li wara ħafna snin reġgħet saret it-tiġrija taż-żwiemel fejn il-protogonisti ewlenin kienu Giovann Cefai, s-Sindku u lil Kunsillier Mario. Fl-aħħar irringrazzja lil isponsors li kienu ta' kontribut finanzjarju fejn jidħlu l-għaqdiet tagħna. Kompla jgħid li jittama li ma ħalla l-ħadd barra. Viva Santa Marija!

18.4.2 *Komunikazzjoni mill-Kunsilliera Dott. Marlene Cini*

18.4.2.1 Il-Kunsilliera Dott. Marlene Cini bdiet bl-awguri u rringrazzjamenti tagħha lejn kull ħadd fejn ħafna nies kienu nvoluti. Qalet li ma tantx baqala xi tgħid iżda qalet li f'din il-festa saltnet il-għaqda u l-armonija. Kompliet tgħid li taf li l-ispejjes

huma kbar u j'alla dejjem tibqa' tingħata l-għajnuna tal-Kunsilll għajr l-qadgħa finanzjarja tiegħi.

18.4.2.2 Il-Kunsilliera Dott Marlene Cini l-proponiet u l-membri qablu li fil-festa tal-Madonna ta' l-Għażżiela issir festa għat-tfal.

18.4.3 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Mario Portelli*

18.4.3.1 Il-Kunsillier Mario Portelli qal li ma baqalux wisq xi jżid ma li qalu sħabu pero' irringrazzja lil kulħadd li kien tim wieħed u b'saħħtu.

18.4.4 *Kommunikazzjoni mill-Kunsillier Nicky Saliba*

18.4.4.1 Il-Kunsillier Nicky Saliba ingħaqad ukoll ma sħabu l-Kunsillier u sostna li kburi li l-festa rnexxiet. Qal li l-festa reġgħet imxiet bl-istess passi ta' żmienu. Irringrazzja lil għaqdiet kollha speċjalment lil Għaqda tan-Nar. Fakkar lil kulħadd sabiex ħadd ma jħalli lix-xitan idaħħal denbu.

## 18.5 Materji Oħra

18.5.1 Illment M12/25 – Suġġeriment sabiex titwaħħal bollard fejn l-islip way tax-Xwejni. Il-membri qablu.

18.5.2 Ilment M13/25 – Suġġeriment sabiex isiru 2 zebra crossings fi Triq Santa Marija, waħda fil-bidu tal-promenade u l-oħra qrib l-gabbana. Il-membri qablu li għandu jiġi avviċinat il-Perit tal-Kunsill f'dan ir-rigward.

18.5.3 Ilment M14/25 – Suġġeriment sabiex isiru double yellow lines mal-gnub tal-garaxxijiet f'Falcon Court, Blk B, Triq ir-Rabat. Il-membri qablu.

18.5.4 Ilment Z09/25 – Talba sabiex jgħola l-ħajt tat-triq fejn il-belvedere ta' Triq Mons De Piro sabiex ma jaqax l-ilma ġo l-għalqa tagħha u jġorr il-ħamrija. Il-membri qablu li għandhom jintalbu r-ritratti u jintbgħat il-ħaddiem tal-Kunsill.

18.5.5 Ilment Z10/25 - Talba sabiex teħel mera tat-traffiku fi Triq Wied l-Abjad. Il-membri qablu.

18.5.6 Ittra mill-Av. Frank Anthony Tabone f'isem residenta lil Kunsill u lil MGP rigward inċident li sar fil-31 ta' Mejju 2025 fil-Menqa Marsalforn fejn din ir-residenta weġgħet saqajha u qed titlob għad-danni. Il-Viċi Sindku Daniel Cordina astjena minħabba konflitt ta' nteress u ħareġ mill-kamra. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li x-xogħol li sar f'Marsalforn sar minn naħħa tal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. Is-Sindku żied jgħid li dan mhux kompitu tal-Kunsill u l-Kunsill għandu jirrispondi lura bl-Avukat. Il-membri qablu.

18.5.7 Intalbet kwotazzjoni mingħand l-Artist Indri Attard għal mafkar ta' Fra Baskal Farrugia. L-istima hi ta' €10,000 liema statwa tkun ta' qies *life size*, maħdum mill-fibre u miżbugħ b'patina tal-bronż. Is-Sindku astjena minn din il-materja. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lil membri sabiex jipproponu lil xi ħadd għal pedestal li jrid jsir taħt l-istatwa. Ġie propost li tinġabar kwotazzjoni mingħand Axiaq Bro. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmathom li qed tistaqsi sabiex tkun tista' tapplika għal fond Kawżi ġusti. Il-Kunsilliera Marlene Cini ddikjarat li hi kontra l-monumenti u għalhekk ma taqbilx li jsir dan il-monument. Il-Kunsillier Nicky Saliba staqsa fejn ser isir, il-Kunsillier Daniel Cordina ssuġerixxa li dan isir fi Ġnien iż-Żebbuġ.

18.5.8 Talba mingħand residenta sabiex il-Kunsill iwaħħal tabelli rigward id-dresscode f'Marsalforn. It-talba ġiet innotata.

18.5.9 Ittra mibgħuta minn Ladder Consultancy Ltd fejn il-Kunsill ġie nfurmat li mit-30 ta' Settembru 2025 ser jieqaf joffri s-servizzi tal-Kunsill. L-ittra ġiet innotata. Il-membri qablu sabiex minflok tibda' tieħu ħsieb l-offerti tal-Kunsill M Vella. Il-Viċi Sindku qal li wasal iż-żmien li jiġi ngaġġat Contracts Manager u dan peress li qed jara ħafna nkejja mill-ħaddiema tal-Community Work Scheme. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li min irid jitlaq mill-Kunsill mhux ħa jżommu. Is-Sindku nforma lil membri li ma għandu l-ebda ħaddiem jiġi rilaxxat mingħajr ma jkun hemm replacement tiegħu. Il-Kunsilliera Dott Marlene Cini pproponiet li tintalab laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar u s-CEO tal-Community Work Scheme sabiex tinstab soluzzjoni. Il-Kunsillier Nicky Saliba propona u l-membri qablu sabiex tintbgħat ittra lil ħaddiema u jagħtu risposta lura lil Kunsill humiex lesti li jibqgħu mal-Kunsill jew jiġu trasferiti.

18.5.10 Notifika mit-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar rigward PA/04726/24. Din ġiet innotata.

18.5.11 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li s-CPT waħħlu 2 notifiki sofor ma' ġenerator fi Triq ir-Rabat u oħra ma karozza abbandunata fi Triq il-Qbajjar. Staqsiet min ser ikun qed jiġi mqabbad biex jiġborha. Il-membri qablu li għandhom jiġu avviċinati nies li joffru dan is-servizz ta' ġbir ta' vetturi mit-toroq u tinġab kwotazzjoni.

18.5.12 Talba mingħand l-Awtur Charles Bezzina sabiex jinxtara ktieb li għadu kif ħareġ għal librerija. Il-membri qablu li jinxtara wieħed.

18.5.13 Ilment Z11/25 – talba għal yellow line faċċata ta' garaxx fi Triq Għajn Mhelhel. Il-membri ma qablux ma dan peress li s-sidien li jgħixu faċċata ma aċċettawx li jsiru dawn is-sinjali.

18.5.14 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li nfetħu dawn l-offerti:-

- Works – pedestrianised island, paving of central parking area and water reservoir at Pjazza l-Assunta, Zebbug, Gozo including an environmentally Friendly Irrigation System; u

- Supply and Installation of Energy Efficient Street Lighting Across Various Locations around Zebbug (Gozo) centre.

Il-membri qablu li l-bord jkun kompost minn W. Sultana (Chairman), Inġ, M. Cauchi, L. Cauchi u D. Galea. Segretarju O. Camilleri

18.5.15 Talba sabiex fi Triq Oniċi jitneħħew id-dustbins għax fejnu qed ipoġġu l-boroż taż-żibel. Il-membri qablu sabiex qabel jiġi vverifikat tassew x'qed jiġri.

18.5.16 Talba mingħand Dun Anton Schembri sabiex isiru sinjali direzzjonali għal Kappella ta' Sant'Antnin ta' Triq Santa Marija. Il-membri qablu.

18.5.17 Talba sabiex jiżdied il-wattage ta' 2 fanali fi Triq id-Duluri. Il-membri qablu.

## 18.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 14/2025 għall-perjodu ta' Awwissu 2025 li tammonta għal €79,829.97 ġiet approvata mill-membri preżenti .

## 18.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-5.20 ta' filgħaxija. Id-data tas-seduta li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 23 ta' Settembru 2025 fil-4.00 ta' filgħaxija.

Baskal Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv